## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

### MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2000**

**Citaz. numru 39/00**

**Meridian Enterprises Co. Ltd.**

**-vs-**

**Alfred Gerada**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Frar 2000 fejn wara illi ppremettiet illi l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici karozza tal-marka Hyundai Coupe taht il-Hire Purchase Agreement tat-18 ta' Awissu 1998 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa markata dokument "A" li ggib in-numru tar-registrazzjoni GAO 198;

Illi l-konvenut iffirma sittin (60) kambjali ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140)-il wahda u ohra ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145) favur is-socjeta' U.C.I.M. Co. Ltd, fl-ammont globali ta' tmint elef erba' mija u hames liri Maltin (Lm8405), liema ammont jirrappreznta l-bilanc mill-prezz ta' l-istess karozza, bl-imghax relattiv, dovut lis-socjeta' attrici.

Illi skond il-klawsola numru 4 ta' l-istess kuntratt, il-proprjeta' tal-karozza kellha tibqa' tas-socjeta' attrici sakemm il-konvenut ikun hallas il-prezz kollhu ta' l-istess karozza;

Illi skond il-klawsola numru 6.1 ta' l-istess kutnratt f'kaz li l-konvenut jibqa' morus f'zewg pagamenti jew ammont ekwivalenti u jibqa' hekk morus anke wara li jghaddu hmistax (15)-il gurnata minn notifika ta' ittra ufficjali ghal dan l-iskop, is-socjeta' attrici jkollha d-dritt li b'semplici avviz bil-miktub tittermina dak il-ftehim, f'liema kaz il-konvenut ikun obbligat li jikkonsenja l-karozza lis-socjeta' attrici u jiffirma kull dokument necessarju biex isir it-transfer ta' l-istess karozza minn fuqu ghal fuq is-scojeta' attrici u l-istess konvenut jitlef kull ammonti minnu imhalsa akkont tal-prezz;

Illi l-konvenut ma hallas l-ebda kambjala li skadiet minn Marzu 1999 u baqa' hekk morus anke wara li gie interpellat b'ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 1999 (Dok B);

Ill s-socjeta' attrici tterminat l-imsemmi kuntratt permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2000 (Dok C) u talbet lill-konvenut biex jikkonsenja l-imsemmija vettura u jiffirma d-dokumenti necessarji sabiex jittrasferiha ghal fuq isimha izda dan baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut sal-lum ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira (Lm1680) rapprezentanti import ta' tnax (12)-il kambjali ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140) skaduti minn Marzu 1999 sa Frar 2000, hawn annessi bhala dokumenti minn 1 sa 12 konsekuttivament u inklusivament;

Il-kambjali fuq imsemmija gew iggirati favur is-socjeta' attrici.

Ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha dritt tiehu lura l-karozza Hyundai Coupe, illum ghandha n-numru tar-registrazzjoni GAO 198 u dan minghajr pregudizzju ghall-hlas tal-kambjalijiet li skadew u mhux imhallsa.

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut baqa' morus f'aktar min zewg (2) pagamenti akkont tal-prezz tal-karozza imsemmija ghall-aktar minn hmistax-il gurnata mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 1999 u ghalhekk is-socjeta' attrici kellha d-dritt li tittermina l-kuntratt tat-18 ta' Awissu 1998 (Dok A) a tenur ta' l-Artikolu 6.1 ta' l-istess kuntratt;

2. Tiddikjara u tiddecidi li l-imsemmi kuntratt tat-18 ta' Awissu 1998 huwa terminat u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha d-dritt tiehu lura l-pussess tal-karozza in kwestjoni li dejjem baqghet proprjeta' taghha;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenja l-imsemmija karozza numru GAO 198 lis-socjeta' attrici u jiffirma kull dokument necessarju biex isir it-transfer relattiv ta' l-istess karozza fuq isem is-socjeta' attrici.

4. Jekk jghaddi inutilment iz-zmien fuq moghti, jigu nominati kuraturi biex jiffirmaw id-dokumenti necessarji biex isir l-istess transfer u s-socjeta' attrici tkun awtorizzata li tiehu l-pussess ta' l-istess karozza hi minghand il-konvenut;

5. Tikkudanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm1680) rapprezentanti

import ta' 12-il kambjali ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140)-il wahda, debitament accettati mill-konvenut u iggirati favur is-socjeta' attrici, li skadew minn Marzu 1999 sa Frar 2000 u ma thallsux.

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala li sal-31 ta' Jannar 2000 jammontaw ghal sebgha u sebghin lira Maltin (Lm77), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tas-6 ta' Dicembru 1999 u tal-31 ta' Jannar 2000 u tal-Mandat ta' Qbid (86/00G) u Mandat ta' Sekwestru (85/00G) prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa

1. Illi huwa ma jikkontestax it-talbiet attrici ghal dak li jirrigwarda ix-xoljiment tal-ftehim relattiv ghall-vettura msemmija.

2. Illi pero' huwa jikkontesta t-talbiet attrici relattivi ghall-hlas ta' xi pagamenti rateali fuq il-vettura wara d-data li fiha l-istess socjeta' xoljiet il-ftehim. Gialdarba s-socjeta' attrici ghazlet li xxolji l-ftehim ma tistax fl-istess waqt tippretendi l-hlasijiet tal-pagamenti li kellhom jithallsu akkont tal-prezz ta' l-istess vettura.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fit-23 ta' Mejju 2000 fejn ghal dak illi jirrigwarda l-hames talba irriduciet l-ammont mitlub ghall-elf hames mija u erbghin liri Maltin (Lm1540).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2000 fejn il-partijiet qablu li tinghata sentenza fl-isfond tan-nota fuq imsemmija.

Fuq l-iskorta ta' dan il-verbal:

Il-Qorti;

Tilqa' t-talba, tiddikjara illi l-konvenut baqa' morus f'aktar minn zewg pagamenti akkont tal-prezz tal-karozza imsemmija ghall-aktar minn hmistax-il gurnata mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 1999 u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha dritt illi tittermina l-kuntratt tat-18 ta' Awissu 1998 a tenur ta' l-Artikolu 6.1 ta' l-istess kuntratt.

Tiddikjara l-imsemmi kuntratt tat-18 ta' Awissu 1998 terminat u xolt u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha dritt tiehu lura l-pussess tal-karozza in kwestjoni li dejjem baqghet proprjeta' taghha.

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien gimghatejn mil-lum jikkonsenja l-imsemmija karozza numru GAO 198 lis-socjeta' attrici u jiffirma kull dokument necessarju biex isir it-transfer relattiv ta' l-istess karozza fuq isem is-socjeta' attrici.

Fil-kaz illi l-konvenut ma jottemperax ruhu ma' din l-ordni tinnomina lil Dr Chris Said bhala kuratur deputat biex jiffirma d-dokumenti necessarji halli jsir l-istess transfer u s-socjeta' attrici tkun awtorizzata li tiehu l-pussess ta' l-istess karozza hi, minghand il-konvenut.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u erbghin lira (Lm1540) rapprezentanti import ta' hdax (11)-il kamjala ta' mija u erbghin lira (Lm140)-il wahda debitament accettati mill-konvenut u iggirati favur is-socjeta' attrici li skadew minn Marzu ta' l-1999 sa Jannar tas-sena 2000 li baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur